# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 358/2016**

Il-Pulizija

vs

**Clint Degabriele**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 320087(M)

Illum, 18 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clint Degabriele quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xhur ta' Novembru 2015 sa April, 2016, fil-Gzejjer Maltin:

1. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat.

2. Naqas milli jaghti lil Larissa Tabone s-somma ffissata minn din il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u rat l-ammissjoni, il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat il-hlas ta' €600 fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Clint Degabriele pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma s-sejbin ta' htija, thassar u tirrevoka dik il-piena nflitta ghal wahda iktar idonea li tkun ekwa u gusta fic-cirkostanzi specjali tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-piena ma tirrientrax fil-limiti li tipprefiggi l-ligi dan ghaliex l-istess artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 jifforma parti minn Taqsima III 'Fuq il-Kontravvenzjonijiet u l-Pieni - Titolu I 'Fuq il Kontravvenjonijiet' tal-Kapitolu 9 u ghalhekk ghandhom japplikaw ghalih il-pieni dwar il-kontravvenzjonijiet. Dan ifisser li meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ssib persuna hatja taht din l-akkuza hi ghandha idejha marbuta li timponi biss dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa ossia d-detenzjoni, ammenda jew ic-canfira jew it-twiddiba u dan ai termini tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 9, naturalment sakemm ma japplikx il-provvediment specjali. Fil-kaz odjern l-appellant ma kienx recidiv u allura taht l-ebda cirkostanza l-ewwel Qorti ma setghet timponi piena ta' xahar prigunerija fil-facilitajiet korrettivi ta' Kordin jew f'kull lok iehor li jikkwalifika bhala habs skont il-Ligijiet u ir-regolamenti enforzabbli f Malta, ghalkemm din il-piena hija sospiza ghal sena.

Illi, fl-umli fehma tal-appellant, meta l-ewwel Qorti giet biex timponi l-piena, hija naqset li tikkonsidra li l-appellant kien qieghed jikkontesta l-paternita' fiz-zmien ta' liema hu kien rikjest

ihallas il-manteniment ghal bintu. Tant illi, kien biss ftit qabel li l-appellant gie mgharraf li hu l-missier naturali tal-minuri, u ghaldaqstant, hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jcahhad lill-minuri minn dak dovut lilha meta hu ma kienx ghadu jaf jekk kienx il-missier bijologiku taghha jew le. Illi l-kaz odjem jirrigwarda cirkustanzi straordinjari, u ghalhekk ghandu jimmerita piena iktar idonea. Tant hu minnu dan, li appena l-esponenti gie stabbilit bhala l-missier naturali tal-minuri b'mod definittiv, huwa ghadda minnufih dak in-har tas-seduta nof is-somma dovuta, filwaqt li obbliga ruhu li jhallas il-kumplament fi zmien tlett xhur u kif di fatti bi hsiebu jaghmel u jibqgha jaghmel sabiex ma jkollu l-ebda pendenzi ta' din ix-xorta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tilqa l-appell ta' Clint Degabriele.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.